

Paġna Ewlenija > ... > Proċeduri Tal-qorti > Ir-Regolament Dwar Id-Diġitalizzazzjoni - Notifiki Tal-Istati Membri Malta

Ir-Regolament dwar id-Diġitalizzazzjoni - notifiki tal-Istati Membri

Il-kontenut ipprovdut minn Malta



Malta

Din il-paġna fiha informazzjoni dwar in-notifiki magħmula mill-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) 2023/2844.

1. Portali nazzjonali tal-IT għall-komunikazzjoni mal-qrati jew ma' awtoritajiet oħra

L-uniċi portali li jintużaw bħalissa huma Digicourts/Ecourts, li huma aċċessibbli fil-link li ġej <https://ecourts.gov.mt/onlineservices>. Dan is-sit web jinżamm mill-Aġenzija dwar is-Servizzi tal-Qrati. Huwa aċċessibbli għal dawk kollha li għandhom kont ta' identifikazzjoni elettronika, u l-aċċess jingħata permezz ta' identifikazzjoni elettronika. Jekk ikun hemm xi kwistjonijiet ta' aċċess jew jekk utent ikun jeħtieġ xi assistenza speċifika biex jirreġistra, jistgħu jiġu kkuntattjati s-servizzi tal-IT tal-Aġenzija dwar is-Servizzi tal-Qrati. L-FAQs huma preżenti wkoll fuq is-sit web indikat hawn fuq flimkien ma' indirizz tal-posta elettronika għal kwalunkwe assistenza li utent jista' jeħtieġ.

Is-sit web tal-Aġenzija dwar is-Servizzi tal-Qrati jipprovdi wkoll aċċess għas-sottomissjoni ta' ċerti atti ġudizzjarji ta' natura ċivili jew kriminali. Diversi atti ġudizzjarji fi proċedimenti ċivili jistgħu jiġu ppreżentati online filwaqt li l-atti ġudizzjarji kollha tal-proċedimenti kriminali jistgħu jiġu ppreżentati online. It-tab għall-[formoli online](#) rispettivi tinsab fuq il-paġna ewlenija.

Informazzjoni u formoli oħra għas-sottomissjoni ta' atti u dettalji ġenerali oħra u kapaċitajiet online fir-rigward tal-qrati rispettivi u s-servizzi online tal-Qrati u t-Tribunali ta' Malta huma disponibbli fuq [is-sit web](#) tal-Aġenzija dwar is-Servizzi tal-Qrati.

Fir-rigward tas-sistema tal-vidjowkonferenza, din mhi integrata fl-ebda wieħed mill-portali msemmija l-aħħar u minflok MS Teams, jew xi drabi anki Webex, jintużaw meta l-vidjowkonferenza tkun meħtieġa jew mitluba fil-proċedimenti.

Kwalunkwe individwu preżenti fis-Sala tal-Qorti fiżika jista' jara u jisma' lill-persuna/i fuq in-naħa l-oħra permezz ta' sett tat-telewizjoni u speakers installati fis-Sala tal-Qorti. Meta tkun se tintuża l-vidjowkonferenza, il-link għall-parti rispettiva li tingħaqad permezz tal-vidjowkonferenza tiġi pprovduta mill-Assistent Reġistratur tal-Qorti.

Il-kamera li tinsab f'kull sala għandha tliet postijiet issettjati, skont il-viżwalizzazzjoni meħtieġa. Hemm kamera waħda mmirata lejn il-Maġistrat jew l-Imħallef, waħda mmirata lejn ix-Xhud u waħda mmirata lejn l-Avukati. Kull wieħed minn dawn il-parteċipanti fil-proċedimenti tal-qorti għandu mikrofonu disponibbli, li lkoll huma konnessi ma' mikser b'żewġ outputs, jiġifieri l-apparat li jospita l-vidjowkonferenza u l-ispeakers tas-sala. Il-kamera għandha wkoll il-kapaċità li ddu u għalhekk tista' tibdel l-enfasi. Il-proċedimenti tal-qorti li jsiru permezz tal-vidjowkonferenza huma rregolati mir-regoli proċedurali ġenerali kollha tal-qorti.

Barra minn hekk, il-possibbiltà li jingħaqdu fil-proċedimenti permezz ta' vidjowkonferenza hija disponibbli wkoll għall-assistenti u għall-esperti tal-qorti. Pereżempju, f'każijiet speċifiċi tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva

fejn il-qorti tkun assistita minn esperti, il-qorti tista' tippermetti lill-espert rispettiv jingħaqad fil-proċedimenti permezz ta' vidjowkonferenza. Tali parteċipant jkun viżibbli għall-individwi kollha preżenti fis-sala tal-qorti kif deskritt aħjar hawn fuq.

2. Il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-użu ta' vidjokonferenzi f'materji ċivili u kummerċjali

B'mod ġenerali, l-istess regoli proċedurali japplikaw għal proċedimenti li jsiru bl-għajjn ta' vidjowkonferenza. B'halo tali, il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, [il-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta](#), huwa għalhekk applikabbli wkoll għal tali proċedimenti. Madankollu, xi regoli (identifikati hawn taħt) ġew introdotti biex jirregolaw aħjar il-proċedimenti li jsiru permezz tal-vidjowkonferenzi.

L-Artikolu 622B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid li x-xhud jew ix-xhieda tal-parti tista' ssir permezz ta' vidjowkonferenza. Id-deċiżjoni tal-qorti hija wkoll vitali hawnhekk, peress li l-vidjowkonferenza tista' tkun permessa biss mill-Qorti wara talba speċifika. L-istess dispożizzjoni tippreċiża wkoll li x-xhieda tista' tiġi prodotta permezz ta' reġistrazzjoni awdjo jew vidjo bil-permess tal-Qorti jew permezz ta' testimonjanza permezz ta' vidjowkonferenza. Barra minn hekk, kwalunkwe regolament li l-Ministru għall-Ġustizzja jista' minn żmien għal żmien jippreskrivi għall-użu tal-vidjowkonferenzi, il-proċeduri, il-formalitajiet, il-modalità jew restrizzjonijiet oħra tiegħu f'termini ta' xhieda li għandhom jiġu permessi permezz ta' vidjowkonferenzi għandhom japplikaw fl-intier tagħhom. Il-qorti ma tista' toħroġ l-ebda direttiva jew kundizzjoni li tmur kontra jew li tkun f'kunflitt ma' dawn ir-regolamenti, jekk ikunu nħarġu.

Minħabba li l-proċeduri deskritti fil-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta japplikaw ukoll b'mod sħiħ għal kwalunkwe proċediment jew xhieda li ssir permezz ta' vidjowkonferenza, id-diskrezzjoni tal-Qorti hija ta' importanza kbira. B'halo eżempju, jekk ikun meħtieġ interpretu, l-istess dispożizzjonijiet għandhom japplikaw fil-vidjowkonferenza kif kien ikun applikabbli għal parti fi proċedimenti fiżikament miżmuma fis-sala tal-qorti li kienet teħtieġ interpretu.

Barra minn hekk, l-introduzzjoni reċenti tal-Artikolu 199a tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ppermetta l-użu tal-vidjowkonferenzi fi kwalunkwe kawża permezz tal-applikazzjoni ta' parti waħda jew fid-diskrezzjoni tal-qorti stess tista' tattendi proċedimenti permezz ta' vidjowkonferenzi u għandha titqies daqslikieku l-parti rispettiva tkun fiżikament preżenti fis-sala tal-qorti matul il-proċedimenti. Id-deċiżjoni tal-qorti dwar kwalunkwe kwistjoni relatata mal-użu tal-vidjowkonferenzi hija ta' importanza kbira u raġunijiet ġustifikati jridu jiġu pprovvuti mill-qorti jekk tali talba għal vidjowkonferenza tiġi miċħuda. Fl-aħħar nett, il-Bord tar-Regoli kif kompost skont l-Artikolu 29 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jista' minn żmien għal żmien permezz ta' regolament jippreskrivi regoli u kodiċijiet ta' prattika għal amministrazzjoni aħjar tal-proċeduri li jsiru permezz tal-vidjowkonferenzi.

3. Il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-użu ta' vidjokonferenzi f'materji kriminali

Jekk jogħġbok ara t-tweġiba għall-mistoqsija 2 hawn fuq, li hija applikabbli bl-istess mod. Għandu jiġi nnotat li fi proċedimenti kriminali b'rabta mal-Artikolu 6, l-akkużat għadu ma jstax jixhed permezz ta' vidjowkonferenza. Madankollu, fi proċedimenti kriminali, l-użu ta' vidjowkonferenza jista' jiġi permess biex jinstemgħu xhieda esperti u xhieda oħra fi proċedimenti ta' assistenza legali reċiproka. Għalhekk, filwaqt li s-swali tal-qorti kollha huma mgħammra bil-kapaċitajiet meħtieġa ta' vidjowkonferenza, il-leġiżlazzjoni relatata mal-proċedimenti kriminali għadha ma tippermettix li akkużat ikun preżenti permezz tal-vidjowkonferenza u għalhekk irid ikun fiżikament preżenti fis-sala tal-qorti. Peress li s-swali tal-qorti f'Malta huma mgħammra b'kapaċitajiet ta' vidjowkonferenza, jekk Stat Rikjedenti jkun jeħtieġ li persuna f'Malta tinstema' permezz ta' vidjowkonferenza, dan jista' jiġi organizzat fil-qafas tar-Regolament dwar id-Diġitalizzazzjoni. Madankollu, jekk din il-persuna tiġi akkużata f'Malta, allura din il-persuna trid tkun fiżikament preżenti fis-sala tal-qorti u ma tistax tipparteċipa permezz ta' vidjowkonferenza.

4. It-tariffi għall-proċeduri f'materji ċivili u kummerċjali

Il-proċedura hija bla ħlas u għalhekk ma tintalab l-ebda tariffa għall-użu tal-vidjowkonferenzi fil-proċedimenti.

Fir-rigward tat-tariffi tal-qorti, ma ssir l-ebda distinzjoni bejn kwalunkwe att ippreżentat fiżikament jew permezz

ta' kwalunkwe portal tal-IT u bħala tali t-tariffi normali kollha japplikaw għal kull individwu. Jekk tiġi aċċertata tariffa fissa, mela tali tariffa ssir magħrufa fuq id-dokument rispettiv għall-ħlas permezz tas-sistema tal-qorti online. Kwalunkwe multa tal-qorti u tariffa tar-reġistru tal-qorti jistgħu jitħallsu online permezz tas-sistema tal-qorti operata mill-Aġenzija dwar is-Servizzi tal-Qrati.

<https://ecourts.gov.mt/onlineservices/Contact> tista' tintuża biex tikkuntattja lill-Aġenzija dwar is-Servizzi tal-Qrati għal kwalunkwe mistoqsija dwar il-ħlas tat-tariffi tar-reġistru tal-qorti jew multi imposti mill-qorti.

5. Metodi ta' pagament elettroniku

Peress li ma tintalab l-ebda tariffa, ma huwa meħtieġ l-ebda metodu ta' pagament elettroniku fil-każ tal-vidjowkonferenza.

Jekk ikun meħtieġ li jiġu imposti xi tariffi (għajr għall-użu tal-vidjowkonferenza) sabiex tiġi ppreżentata kwalunkwe talba, allura l-Aġenzija dwar is-Servizzi tal-Qrati tippermetti s-saldu ta' tali tariffi permezz ta' pagament elettroniku bl-użu ta' kard ta' kreditu/kard ta' debitu. Il-ħlas online jista' jsir ukoll għal kwalunkwe multa imposta mill-qorti jew tariffi oħra tar-reġistru tal-qorti.

6. Notifika dwar l-użu bikri tas-sistema tal-IT deċentralizzata

Qed isiru sforzi biex jiġi żgurat it-tħaddim aktar bikri tas-sistema tal-IT deċentralizzata mill-partijiet ikkonċernati kollha, madankollu f'dan l-istadju ma tista' tingħata l-ebda garanzija dwar it-tħaddim aktar bikri tas-sistema tal-IT deċentralizzata qabel id-data tad-dħul ta' kull att legali indikat fl-Annessi.

7. Notifika dwar l-użu bikri ta' vidjokonferenzi f'materji ċivili u kummerċjali

F'Malta, il-vidjowkonferenzi f'materji ċivili u kummerċjali diġà qed jintużaw u hemm il-leġiżlazzjoni applikabbli fis-seħħ. Għalhekk, l-Artikolu 5 jista' jiġi applikat sad-data tad-dħul.

8. Notifika dwar l-użu bikri ta' vidjowkonferenzi f'materji kriminali

Fi proċedimenti kriminali b'rabta mal-Artikolu 6, l-akkużat għadu ma jistax jixhed permezz ta' vidjowkonferenza. Madankollu, fi proċedimenti kriminali, l-użu ta' vidjokonferenzi jista' jiġi permess biex jinstemgħu xhieda esperti u xhieda oħra fi proċedimenti ta' assistenza legali reċiproka. Għalhekk, filwaqt li s-swali tal-qorti kollha huma mgħammra bil-kapaċitajiet meħtieġa ta' vidjokonferenzi, il-leġiżlazzjoni relatata mal-proċedimenti kriminali għadha ma tippermettix li akkużat ikun preżenti permezz tal-vidjokonferenzi u għalhekk irid ikun fiżikament preżenti fis-sala tal-qorti. Peress li s-swali tal-qorti f'Malta huma mgħammra b'kapaċitajiet ta' vidjokonferenzi, jekk Stat Rikjedenti jkun jeħtieġ li persuna f'Malta tinstema' permezz ta' vidjokonferenza, dan jista' jiġi organizzat fil-qafas tar-Regolament dwar id-Diġitalizzazzjoni. Madankollu, jekk din il-persuna tiġi akkużata f'Malta, allura din il-persuna trid tkun fiżikament preżenti fis-sala tal-qorti u ma tistax tipparteċipa permezz ta' vidjowkonferenza. Għalhekk, MT għadha mhijiex f'pożizzjoni li tikkonforma mal-Artikolu 6 qabel id-data tad-dħul fl-applikazzjoni tal-Artikolu 6.

L-aħħar aġġornament: 17/04/2026

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.